*is-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta – mill-mertu ma jista' jsir l-ebda appell quddiem din il-Qorti*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 29/2023 LM

**Victor Palma Herrero (K.I. nru. 626478A)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Saviour Camilleri Interior Design and Architecture Limited (C 36917)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Saviour Camilleri Interior Design and Architecture Limited (C 36917)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l

quddiem ‘it-Tribunal’], fid-9 ta’ Marzu, 2023 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’], wara li s-soċjetà appellanta ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, li ddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent **Victor Palma Herrero (K.I. nru. 626478A)** [hawnhekk ‘l-appellat’] mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata ma saritx għal raġuni tajba, u llikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent mis-soċjetà intimata fis-somma ta’ sebat elef Euro (€7,000).

**<u>Fatti</u>**

2. Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent **Victor Palma Herrero** spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata bħala *junior architect* b’effett mill-1 ta’ Mejju, 2018. Ir-rikorrenti spjega li huwa m’għandux *warrant* biex jaħdem f’Malta, u għalhekk huwa ma jistax jaħdem u jipprattika bħala perit f’ismu proprju. Qal ukoll li mal-wasla tiegħu f’Malta, ir-rikorrent kien ġie offrut akkomodazzjoni f’appartament proprjetà tad-direttur tas-soċjetà intimata, Saviour Camilleri, bħala parti mill-pakkett tal-paga tiegħu. Qal li għal xi raġuni, il-kuntratt tal-impjieg tiegħu ma jsemmi xejn dwar dan, u l-kirja lanqas ma ġiet irreġistrata mal-awtoritajiet relattivii. Qal li huwa kien jaħdem b’mod diliġenti, u qatt ma kien hemm problemi dwar l-prestazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol, iżda qabel ma l-impjieg tiegħu ġie tterminat, huwa ngħata twissija waħda rigwardanti t-tardività tiegħu. Qal li huwa kkontesta bil-qawwa li xi darba wasal tard ix-xogħol. Fid-29 ta’ Marzu, 2021 ir-rikorrent irċieva t-tieni twissija, li kienet twissija finali minħabba s-“sitwazzjoni li kien ikkrea”, mingħajr ebda spjegazzjoni ulterjuri. Ir-rikorrent qal li meta huwa talab spjegazzjoni dwar dan, huwa ġie mgħarraf li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg saret għaliex meta fil-pajjiż

kien hawn limitu dwar l-ammont ta' persuni li jistgħu jiltaqgħu f'residenza waħda minħabba l-pandemija tal-COVID-19, huwa kien stieden fl-appartament tiegħu ħbieb minn tliet residenzi differenti. Qal li dakinhar fis-01:30 ta' filgħodu, kien mar għandu Saviour Camilleri, li beda jirrabja ħafna, u kien anki keċċa lill-ħbieb tar-rikorrent 'il barra mill-appartament. L-għada, Camilleri talab lir-rikorrent josserva perijodu ta' kwarantina, u anki talbu jagħmel test tal-PCR, liema test irriżulta fin-negattiv, u għalhekk ir-rikorrent irritorna fuq il-post tax-xogħol wara ġimgħa. Ir-rikorrent qal li huwa ammetta li kien għamel ħażin u kien anki skuża ruħhu, minkejja li l-imġiba ta' Camilleri kienet waħda sproporzjonata u li tammonta għal invażjoni tal-privatezza tar-rikorrent. Qal li l-fatt li huwa ngħata twissija finali dwar kwistjoni li m'għandha x'taqsam xejn mal-impjieg tiegħu, ma tagħmilx sens fil-kuntest tal-liġi tal-impjiegi. Qal li wara li huwa ngħata din l-aħħar twissija, Saviour Camilleri beda jaqbad miegħu dwar affarijiet żgħar u irrelevanti, u huwa tkeċċa mill-impjieg meta ftit wara li rritorna għax-xogħol wara li għamel perijodu ta' kwarantina, huwa talab li l-perijodu ta' kwarantina ma jitnaqqaslux mil-*leave.* Ir-rikorrent qal li jumejn wara, bint Camilleri talbitu jirritorna lura fil-post tax-xogħol, imma sussegwentement huwa reġa' ġie mkeċċi minn Saviour Camilleri, u ntalab jivvaka l-appartament, meta huwa ma kellu l-ebda residenza alternattiva. Qal li huwa baqa' ma tħallasx l-aħħar salarju tiegħu. Ir-rikorrent qal li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg saret għal raġuni li mhijiex tajba u sufficjenti fil-liġi, għaliex ma ġietx applikata proċedura dixxiplinarja formali, u b'hekk huwa tħalla mingħajr indikazzjoni dwar ir-raġuni li wasslet għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u mingħajr ma ngħata opportunità li jiddefendi ruħhu. Qal ukoll li t-terminazzjoni kienet ibbażata fuq raġunijiet li

ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-post tax-xogħol tiegħu, u kien hu li rċieva abbuż u aġir inġust mis-superjur tiegħu. Kien għalhekk li r-rikorrent resaq quddiem it-Tribunal fejn talab li jiġi ddikjarat li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, u li s-soċjetà intimata għandha tinżamm responsabbli għall-ħlas ta' kumpens ġust u ekwu skont il-liġi.

3. **Saviour Camilleri** in rappreżentanza tas-soċjetà intimata, qal li huwa sar jaf li r-rikorrent m'għandux *warrant* sabiex jipprattika bħala perit wara li kien impjegah u mhux qabel, u għalhekk l-impjieg tiegħu ġie karpit b'dikjarazzjoni falza. Qal li mhux minnu li bħala parti mis-salarju tar-rikorrent kien hemm l-akkomodazzjoni inkluża, u huwa pprovda akkomodazzjoni temporanja sakemm ir-rikorrent isib saqajh. Qal li huwa dejjem kellu jikkoreġi x-xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent u kien jaħli ħafna ħin jispjegalu, u r-rikorrent kien nieqes mill-esperjenza, mil-loġika u mis-sens komun, bir-riżultat li Camilleri kien ikollu jerġa' jagħmel ix-xogħol mill-ġdid. Żied jgħid li meta darba huwa talab lir-rikorrent jibqa' wara l-ħin minħabba xogħol urġenti, dan irrifjuta u qabad u telaq minn fuq il-post tax-xogħol sabiex imur jiltaqa' mal-ħbieb. Qal li huwa bagħat *email* lir-rikorrent għaliex dan kien imur tard ix-xogħol b'mod ripetut, u din ma kinitx xi ħaġa li ġrat darba, tant hu hekk li r-rikorrent ingħata twissijiet verbali dwar dan. Qal li l-*email* tad-29 ta' Marzu, 2021 kienet it-tielet twissija bil-miktub, wara li r-rikorrent kien jorganizza festini mal-ħbieb fl-appartament fejn kien joqgħod, u kien jistieden numru mdaqqas ta' persuni, fi żmien meta kien hawn restrizzjonijiet fuq is-soċjalizzazzjoni. Qal li meta huwa talab lir-rikorrent jagħmel test l-għada tal-festin, dan kien għamel *rapid test,* u għalhekk kien talbu jagħmel PCR test skont ir-regoli, dejjem sabiex iħares is-saħħa u s-

sigurtà tal-ħaddiema tiegħu. Camilleri qal li anki l-ġirien li kienu joqogħdu viċin il-blokk kienu infurmawh li r-rikorrent kien qiegħed jikkaġuna storbju fl-appartament, li jibqa' għaddej sas-sigħat bikrin ta' filgħodu. Qal li l-kwistjoni mar-rikorrent għalhekk kellha x'taqsam mat-turija ta' rispett lejn min kien qiegħed iħaddmu u lejn il-kollegi tiegħu, fiż-żmien daqstant kritiku tal-pandemija. Qal li r-rikorrent kellu jsib akkomodazzjoni oħra sa mill-bidu tal-impjieg tiegħu, iżda huwa baqa' m'għamilx dan. Camilleri qal li meta r-rikorrent mar biex jiltaqa' mal-*accountant* tal-kumpannija sabiex jingħata l-*payslips* bil-ħlasijiet dovuti lilu, kien talab li jitħallas bi flus kontanti għax qal li ma kellux flus f'idejh, iżda meta l-*accountant* talbu jiffirma l-irċevuta li ingħata l-flus dovuta lilu, ir-rikorrent irrifjuta u spiċċa telaq 'il barra mingħajr ma ħa l-flus.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Marzu, 2023, it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet inġusta, u li għandu jingħata kumpens fl-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000), u dan wara li għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *"**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>***
>
> *Dan it-Tribunal għandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent għal raġunijiet dixxiplinarji kinitx waħda ġusta u għal raġunijiet tajba u biżżejjed.*
>
> *It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda kollha, id-dokumenti esebiti, id-dikjarazzjonijiet tal-każ u t-trattazzjonijiet finali u ikkunsidra dawn il-punti ewlenin.*
>
> *Ir-rikorrent ġie impjegat mas-soċjetà intimata fl-1 ta' Mejju, 2018 b'kuntratt ta' impjieg indefinit,* full-time*, bħala* Junior Architect *b'terminu ta' tliet (3) xhur prova li setgħu jiġu mġedda bi tliet (3) xhur oħra.*

*Ir-rikorrent, li huwa ta' nazzjonalità Spanjola, kien gradwa bħala perit fi Spanja fejn fil-provi ġie stabbilit li biex taħdem bħala perit fi Spanja ma tridx* 'warrant'*, iżda tkun trid* 'insurance' *speċifika.*

*Ir-rikorrent qabel ġie Malta ħadem sena u nofs f'Londra, parti* 'internship' *u parti f'impjieg bħala* Architect Assistant*. Apparti biex jikseb esperjenza hu kien għażel Londra biex jitgħallem l-Ingliż.*

*Is-salarju tar-rikorrent kien ta' elf u mitejn euro (€1,200) fix-xahar u kellu* 'allowance' *ta' ħames mitt euro (€500) fix-xahar għall-akkomodazzjoni li din ġiet offruta fi proprjetà tas-Sur Camilleri u li dawn il-ħames mitt euro (€500) kienu jerġgħu jingħataw lura lis-soċjetà kull xahar. Dan kien l-arranġament. It-Tribunal jinnota li l-*'allowance' *għal akkomodazzjoni ma kinitx parti mill-kuntratt tax-xogħol iffirmat mis-soċjetà intimata u r-rikorrent.*

*Fix-xhieda tiegħu s-Sur Camilleri qal li kien żgwidat mir-rikorrent rigward il-kapaċitajiet tiegħu u rigward li ma kellux* warrant *u qal* 'li ħadtha for granted li dan huwa perit kif neħduha f'Malta'*. Iżda rriżulta mix-xhieda u fil-kontro-eżami li r-rikorrent ma ġiex mistoqsi jekk kellux* warrant *inkluż mill-perit Kurt Camilleri li ukoll qal li l-*warrant *ma ssemmiex fl-*interview*.*

*Is-Sur Camilleri, fl-affidavit tiegħu, semma li r-rikorrent kien jagħmel diversi żbalji u li kien immatur. Fuq dawn l-allegazzjonijiet it-Tribunal jinnota l-età żgħira tar-rikorrent kif ukoll l-esperjenza li kienet minima u li parti minnha kienet* 'internship'*. It-Tribunal jinnota ukoll li ma kienx hemm xi forma ta' dixxiplina formali rigward prestazzjoni.*

*It-Tribunal f'dan l-istadju ukoll jagħraf li r-rikorrent kellu terminu ta' prova u li s-soċjetà intimata kkonfermatu fl-impjieg wara li għadda dan it-terminu.*

*Ukoll fil-kuntratt tal-impjieg ir-rikorrent kellu li kull sitt (6) xhur isirlu* assessment *ta' xogħlu iżda rriżulta li dawn qatt ma saru mis-soċjetà intimata.*

*It-Twissijiet li fuqhom is-soċjetà intimata waslet għal tkeċċija kienu tlieta (3). Tnejn minnhom f'forma ta'* e-mails *u oħra b'ittra li skont ir-rikorrent qatt ma waslet għandu u kien biss meta ġiet esebita fil-proċess li raha. It-tliet (3) twissijiet kollha ntbagħtu mis-Sur Camilleri.*

*L-ewwel twissija saret fit-23 ta' Ottubru, 2019 li kienet tirreferi li r-rikorrent kien ta' spiss jidħol tard għax-xogħol filgħodu. It-tieni twissija, li skont ir-rikorrent qatt ma waslet għandu, saret fl-20 ta' Frar, 2020 li kienet f'forma ta' ittra u kienet ukoll fuq tardezza u li fiha s-Sur Camilleri inkluda li jekk ir-rikorrent filgħodu jsib il-bieb tas-*

*soċjetà magħluq iċempel lilu. It-tielet (3) twissija, datata 29 ta' Marzu, 2021, kienet fuq '*the situation you have created' *u li kienet twissija finali u li jekk terġa' tiġri l-impjieg jiġi tterminat b'mod awtomatiku. Irriżulta li '*the situation you have created' *kienet talludi għal* party *li għamel ir-rikorrent fl-appartament tas-Sur Camilleri waqt ir-restrizzjonijiet tal-pandemija Covid-19.*

*Fuq l-ewwel żewġ* warnings *li kienu fuq tardezza t-Tribunal fela t-*timesheets *ipprovduti u jinnota evidenza konfliġġenti ma' dak li ddikjarat is-soċjetà intimata. Il-ħinijiet imniżżla kienu mal-ħin tad-disgħa (9) ta' filgħodu. Ħafna drabi jidher li r-rikorrent ma ħax il-*break *u f'diversi drabi r-rikorrent ħalla x-xogħol wara l-ħamsa (5) ta' filgħaxija. Is-soċjetà intimata ukoll irreferiet għal xi forma ta' falsifikazzjonijiet fil-ħinijiet imma t-Tribunal ma nnota l-ebda prova konkreta ta' dan.*

*Ħareġ ukoll fil-kontro-eżami tar-rikorrent u l-kontro-eżami tal-Perit Trinity Camilleri Burlò li f'diversi drabi r-rikorrent, filgħodu, kien jaħli minn ħames (5) sa għaxar (10) minuti wara l-bieb tas-soċjetà intimata biex xi ħadd jiftaħlu. Kien iċempel, iħabbat u anki jibgħat messaġġi bil-mowbajl. Fil-bidu tal-impjieg ir-rikorrent kellu ċavetta tal-bieb tas-soċjetà iżda din ġiet mitluba lura mingħajr raġuni speċifika.*

*It-Tribunal ma jagħrafx il-gravità ta' dawn it-twissijiet.*

*It-tielet twissija kienet rigward il-*party *li għamel ir-rikorrent għal xi ħbieb tiegħu fl-appartament fejn kien qed joqgħod u li kien proprjetà tas-Sur Camilleri. Is-Sur Camilleri wara dan qal lir-rikorrent biex joqgħod erbat (4) ijiem kwarantina minħabba l-COVID u qallu biex jagħmel it-testijiet relatati. Ir-rikorrent ma oġġezzjonax u għamel rapid test u PCR tests li rriżultaw negattivi u ukoll skuża ruħhu.*

*Lejn l-aħħar ta' April 2021 ir-rikorrent kellem lis-Sur Camilleri fuq applikazzjoni għal* leave *jekk ġietx approvata u fil-fatt kienet ġiet approvata. Ir-rikorrent ukoll staqsa jekk dawk il-ġranet li għamel kwarantina hux se jitħallas tagħhom u jekk kinux se jinqatgħu mil-*leave*. Ir-rikorrent insista li jitħallas u li ma jitnaqqaslux il-*leave*. Dak il-ħin is-Sur Camilleri qallu* 'oħroġli 'l barra minn hawnhekk għax jien m'għandix bżonn dawn l-affarijiet. You are terminated'*, u keċċieh dak il-ħin.*

*Ġara li wara jumejn il-Perit Trinity Camilleri Burlò ċemplet lir-rikorrent biex jerġa' jidħol xogħol iżda ftit ġranet wara, fil-11 ta' Mejju, 2021, is-Sur Camilleri ma ssaportiehx aktar u reġa' keċċieh. Kienet it-tkeċċija finali. Fil-kontro-eżami s-Sur Camilleri qal li r-rikorrent baqa' għaddej bit-tardezza.*

*Ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu qal li qatt ma kellu xi twissija fuq prestazzjoni. Fuq tardezza tenna li dejjem kien ikun hemm problema biex jidħol għand is-soċjetà*

*filgħodu u kien jaħdem fil-*breaks*. Tenna li s-Sur Camilleri kien dejjem jaqbad miegħu u li qatt ma tah ċans li jiddefendi ruħhu u li r-raġuni proprja ta' tkeċċija ma jafhiex u li meta qabad u keċċieh qas kellu fejn joqgħod għax is-Sur Camilleri qallu biex joħroġ mill-appartament. Qal li qatt ma rċieva ittra ta' terminazzjoni.*

*Ir-rikorrent ukoll ippreżenta rapport ta' prestazzjoni ta' xogħlu meta ħadem Londra ma' Aqua Architecture Ltd bil-kummenti finali tas-soċjetà jkunu li r-rikorrent kien produttiv, kreattiv u proattiv rigward proġetti u li kien* 'asset' *għat-*team*.*

*Ir-rikorrent ukoll preżenta affidavit mill-*employer *il-ġdid tiegħu wara li tkeċċa. Il-Perit Angela Sciberras, li beda jaħdem magħha fis-16 ta' Novembru, 2022, iddikjarat li l-prestazzjoni tar-rikorrent hija eċċellenti, li kunfidenti tħallih jaħdem waħdu mingħajr wisq sorveljanza u li xi korrezzjonijiet żgħar huma naturali speċjalment meta tqis li għadu żgħir bi ftit esperjenza.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal analizza u wiżen il-fatti, il-provi, ix-xhieda, id-dokumenti esebiti, id-dikjarazzjonijiet tal-każ u t-trattazzjonijiet finali.*

*Wara li għamel il-konsiderazzjonijiet neċessarji kif ġie spjegat it-Tribunal jagħraf nuqqasijiet serji u bażiċi kif ġiet trattata t-tkeċċija.*

*Tkeċċija mill-impjieg trid tkun għal raġunijiet serji u gravi bi proċessi dixxiplinarji formali u b'opportunità li min ikun qed jiġi akkużat jingħata ċ-ċans kollu u xieraq li jiddefendi ruħhu. Dan ma jirriżultax f'dan il-każ.*

*Iż-żewġ twissijiet fuq tardezza ma jġorrux it-toqol ta' twissijiet serji apparti r-raġunijiet li ġab ir-rikorrent għaliex daħal ftit minuti tard għax-xogħol. Dawn twissijiet mhumiex suffiċjenti biex jiġu kkunsidrati fl-akkumulu tad-dixxiplina li twassal għal tkeċċija.*

*It-tielet twissija finali mibgħuta b'sempliċi email u li eventwalment il-kwistjoni relatata wasslet għat-tkeċċija, ma kellhiex x'taqsam direttament max-xogħol kif dan ġie spjegat. Anke fit-trattazzjoni finali s-soċjetà ammettiet li ma kellhiex raġun tkeċċieh fuq dan il-każ ta' twissija.*

*Fuq prestazzjoni ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li ttieħdu xi passi dixxiplinarji u s-soċjetà intimata naqset li jsiru l-*'assessments' *kull sitt (6) xhur biex tiġi evalwata l-prestazzjoni.*

*It-Tribunal jagħraf ukoll li t-tkeċċija saret verbalment fuq il-post tax-xogħol mingħajr ebda proċess dixxiplinarju u ċans li r-rikorrent jiddefendi ruħhu u mingħajr ittra ta' terminazzjoni u r-raġunijiet għal din.*

*Dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li ma kienx hemm raġunijiet tajba u biżżejjed biex ir-rikorrent jitkeċċa mill-impjieg u għaldaqstant fuq tkeċċija inġusta.*

*It-Tribunal jagħraf ukoll lok għal kumpens u dan qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjetà intimata lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

*Għall-finijiet tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet, dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disgħin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€93.17).*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà intimata fis-17 ta' Marzu, 2023, hija talbet lil din il-Qorti jogħġobha tiddeċiedi l-kwistjoni odjerna billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, u tikkundannah iħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

6. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ikkonkluda li din it-tkeċċija kienet inġusta wara li qies li l-kumpannija ma kellha l-ebda struttura sabiex tiddixxiplina lill-impjegati tagħha. L-appellanta qalet li din hija r-realtà ta' ħafna negozji żgħar, u kien inġust li hija ġiet issanzjonata għaliex ma kellhiex strutturi formali rigward it-terminazzjoni tal-impjieg. Qalet li l-istruttura tagħha hija waħda żgħira, u għalhekk kienet tiddependi ħafna fuq il-fiduċja bejn min iħaddem u l-ħaddiema. Is-soċjetà appellanta qalet li dan il-fatt ma ġiex apprezzat mit-Tribunal, li min-naħa tiegħu qal li t-twissijiet li ngħataw lill-appellat ma kinux ta' ċerta gravità. Qalet li f'ambjent fejn kollox jiddependi fuq il-fiduċja, dawk it-twissijiet messhom ingħataw piż akbar milli ngħataw. Qalet li

dak li oġġezzjona għalih il-prinċipal f'dan il-każ ma kienx il-fatt li l-impjegat wasal tard għax-xogħol, iżda li meta jasal kien iniżżel ħin b'ieħor fuq it-*time-sheet* daqs li kieku kien daħal fil-ħin. Qalet li dan ikkrea problema f'ambjent fejn min iħaddem irid ikollu fiduċja fl-impjegat tiegħu, għaliex il-falsifikazzjoni tal-ħin li fih wieħed jasal ix-xogħol hija ħaġa serja, u kien għalhekk li l-appellat ingħata twissija li ma kellux jagħmel hekk għaliex kien qiegħed jimmina l-fiduċja li kien hemm fl-uffiċċju bejn l-impjegati kollha. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja dawn it-twissijiet, l-appellat baqa' jagħmel l-istess ħaġa, u kien proprju minħabba l-falsifikazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol tiegħu li l-impjieg tiegħu ġie tterminat, għaliex dan l-aġir ma setax jiġi ttollerat f'uffiċċju fejn kollox jaħdem fuq il-fiduċja reċiproka. Qalet ukoll li meta waqt il-laqgħa li fiha ttieħdet id-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellat kellu jiġi tterminat, l-appellat staqsa jekk il-perijodu ta' kwarantina kienx ser jitnaqqaslu mil-*leave* tiegħu, dan wera li bejn il-partijiet ma kienx għad hemm fiduċja, u li l-impjieg għalhekk kellu jiġi tterminat. Qalet li l-appellant żbalja għax naqas li japprezza li f'ambjent bħal dak ikkreat mis-soċjetà appellanta, il-fiduċja reċiproka kienet essenzjali għall-iżvolġiment korrett tax-xogħol, u kien dan in-nuqqas ta' fiduċja li wassal għat-tkeċċija tal-impjegat mill-impjieg. Qalet li n-nuqqas tat-Tribunal li jiddistingwi bejn intrapriża żgħira u waħda kbira, huwa evidentement żball tal-liġi.

7. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas li jsemmi wkoll kif ix-xogħol tal-appellat kien ikun mimli żbalji u kif dan ukoll wassal għal telf ta' fiduċja li kellhom bejniethom. Qalet ukoll li t-Tribunal naqas li japprezza li l-entità li kienet timpjega lill-appellat kienet soċjetà modesta li ma setax ikollha l-istrutturi li t-Tribunal ppresuppona li għandu jkollha. Qalet li bil-komportament

tiegħu l-appellat poġġa f'riskju l-eżistenza tal-prinċipal u tal-impjegati kollha tiegħu, u b'riferiment għall-festin organizzat mill-appellat f'residenza privata fi żmien il-pandemija, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli japprezza li l-pandemija tal-COVID-19 bidlet radikalment il-mod kif wieħed jaħseb u jġib ruħhu. Qalet li filwaqt li huwa minnu li dak li jagħmlu l-impjegati tagħha barra mill-ħin tax-xogħol huwa biċċa tagħhom, din ma tibqax affari tagħhom jekk huma jkunu kaġun ta' mard li jaqbad lil ħaddieħor. Qalet li għalhekk il-prinċipal kien korrett meta ordna lill-appellat biex jagħmel test u joqgħod kwarantina. Qalet li meta wieħed iqis x'kienet tgħid il-liġi fiż-żmien meta sar il-festin, u jara l-attitudni tal-prinċipal u l-mod li bih mexa fil-każ odjern, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li l-impjegat ma kienx korrett. Qalet ukoll li dan jieħu portata oħra meta wieħed iqis li s-soċjetà appellanta hija intrapriża żgħira u tiffunzjona biss jekk ikun hemm fiduċja sħiħa bejn l-impjegati u l-prinċipal.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li ma tistax tifhem jekk l-ammont likwidat hux jiffigura bħala penali għall-aġir ħażin tagħha, jew inkella bħala riżarċiment għad-danni. Qalet ukoll li d-dritt ta' appell tal-appellant jiġi vanifikat bl-assenza totali tar-raġunijiet li minħabba fihom it-Tribunal wasal għal-likwidazzjoni tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-kumpens likwidat fl-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) huwa ammont esaġerat meta wieħed iqis li l-impjegat ma ssubixxa l-ebda telf, sab xogħol immedjatament wara li tkeċċa minn magħha, u dan l-episodju bl-ebda mod ma kellu rifless fuq il-kapaċità tal-appellat li jfittex xogħol. Qalet li hija ħasset li s-somma likwidata kienet speċi ta' penali għat-terminazzjoni inġusta mill-impjieg, meta l-liġi ma tagħtix lit-Tribunal il-kapaċità

li jimponi xi penali f'dan ir-rigward, u għalhekk il-kumpens għandu jirrappreżenta d-danni mġarrba mill-impjegat bit-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li ma nġabet l-ebda prova li l-impjegat sofra xi dannu riżultat ta' din it-terminazzjoni, anzi jirriżulta li dan tejjeb is-sitwazzjoni tiegħu għaliex qiegħed ikollu salarju aħjar minn qabel.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Min-naħa tiegħu l-appellat qal li huwa jemmen li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u ekwa, filwaqt li l-appell intavolat mis-soċjetà appellanta huwa irritwali u għandu jiġi miċħud. Qal li l-ewwel aggravju tal-appell huwa null u bla effett, u għandu jiġi ddikjarat null stante li mhux ibbażat fuq punt ta' liġi kif jeħtieġ l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex fl-ebda punt ma joħroġ li l-aggravju jirrigwarda kwistjoni ta' applikazzjoni ta' liġi skorretta jew ta' apprezzament skorrett ta' xi dispożizzjoni legali. Kompla jgħid li l-aggravju ewlieni tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal tefa' wisq piż fuq il-fatt li l-appellanta ma kellhiex proċeduri formali implimentati, u dan l-aggravju ma jikkostitwixxi l-ebda punt ta' liġi, għaliex il-liġi Maltija fl-ebda punt ma ssemmi jew teħtieġ, xi forma ta' proċeduri dixxiplinarji li jridu jiġu mħarsa skont il-liġi f'każ ta' tkeċċija.

10. L-appellat qal li filwaqt li proċeduri dixxiplinarji huma parti minn dak li jikkostitwixxi deċiżjoni dixxiplinarja ġusta, l-importanza tagħhom lanqas ma tista' tiġi skartata għal kollox għaliex huma essenzjali biex jiggarantixxu li jkunu ġew meqjusa l-fatti rilevanti kollha. L-appellat qal li huwa prinċipju assodat li

impjegat għandu jingħata ċ-ċans li jinstema' u li jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu qabel jitkeċċa mill-impjieg. Qal li f'dan il-każ, it-Tribunal wiżen ukoll ir-raġunijiet sostantivi li wasslu għat-tkeċċija, u għamilha ċara li ma bbażax id-deċiżjoni tiegħu biss fuq nuqqasijiet proċedurali. Qal li r-"raġunijiet serji u gravi" jikkonsistu f'paġni sħaħ ta' analiżi ta' fatti tal-każ li jmorru lil hinn minn kwalunkwe rekwiżit ta' proċedura, u jixhdu li t-Tribunal fela bir-reqqa r-raġuni għalfejn l-appellat tkeċċa mill-impjieg, u wasal għall-konklużjoni li dawn ir-raġunijiet ma kinux suffiċjenti biex jimmeritaw tkeċċija ġusta skont il-liġi. Qal li bl-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qiegħda tipprova tiskolpa ruħha billi ġġib l-iskuża li hija intrapriża żgħira, iżda qal li dan huwa aġir irraġonevoli u ta' disprezz lejn il-prinċipji emerġenti mill-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u jirrifletti l-mentalità fqira fejn f'impriża tal-familja, il-kap jippretendi li jmexxi mingħajr restrizzjonijiet. L-appellat qal li l-implimentazzjoni ta' proċeduri dixxiplinarji formali ma titlobx għerf straordinarju, u jistgħu jiġu implimentati permezz ta' *policy* interna li tiġi segwita jekk ikun hemm il-ħtieġa. Qal li dan isir sabiex issir ġustizzja mal-impjegati, u sabiex min iħaddem ikollu linji gwida ċari u disponibbli li jkun jista' jsegwi skont il-bżonn. Qal li għalhekk il-motivazzjonijiet tas-soċjetà appellanta f'dan l-appell huma abbużivi u perikolużi, għaliex din qiegħda tittenta tevadi l-obbligi legali tagħha abbażi ta' raġunijiet irrilevanti.

11. L-appellat qal li l-fatt li s-soċjetà appellanta tgħid li tilfet il-fiduċja fl-impjegat tagħha, ma jistax jikkostitwixxi raġuni valida ta' tkeċċija, u qal li fir-rikors tagħha s-soċjetà appellanta tagħmel diversi rimarki u allegazzjonijiet dwar il-prestazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol li huma infondati fil-fatt

għaliex mhux biss ma ġabet l-ebda prova tagħhom, iżda wkoll għaliex huwa pprovda provi estensivi li jikkontradixxu dak li qalet s-soċjetà appellanta.

12. L-appellat qal li huwa kien jasal ix-xogħol fil-ħin, iżda kien hemm drabi meta kien iqatta' ħin jistenna barra sakemm jiftaħlu xi ħadd, filwaqt li kien hemm drabi meta ma kienx jieħu *break,* u spiss kien jibqa' wara l-ħin mingħajr ma jitħallas tas-sahra. Qal ukoll li mhux minnu li huwa kellu prestazzjoni ħażina fuq il-post tax-xogħol, u ġew ippreżentati referenzi ta' entitajiet oħra li magħhom kien jħadem l-appellat li kkummentaw b'mod pożittiv dwar il-prestazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Qal ukoll li huwa ma tkeċċiex mill-impjieg minħabba fl-imġiba tiegħu waqt il-pandemija. Qal li huwa għamel it-testijiet meħtieġa meta ntalab jagħmel dan, kif ukoll osserva l-perijodu ta' kwarantina, u kull ma għamel kien li staqsa jekk il-perijodu tal-kwarantina kienx ser jitnaqqas mil-*leave* tiegħu.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li l-kumpens li wasal għalih it-Tribunal mhux biss huwa ġust, imma ma jkoprix id-danni kollha sofferti minnu. Qal li huwa kien jirċievi salarju ta' €1,200 fix-xahar, u *allowance* ta' €500, total ta' €1,700 fix-xahar. Kompla jgħid li huwa dam mingħajr impjieg għal perijodu ta' sitt xhur fl-eqqel tal-pandemija meta r-*recruitment* kien iffriżat f'kull qasam industrijali, u b'hekk bata telf ta' €10,200 f'salarji mitlufa. Qal li l-vjaġġ lejn Spanja kellu jkun vaganza, imma kellu jqatta' xi żmien jgħix ma' familtu għaliex ma setax iħallas kirjiet wara li tilef l-impjieg tiegħu. Qal ukoll li f'dan il-perijodu, huwa kellu jinkorri spejjeż oħra hekk kif kellu jivvjaġġa bejn Spanja u Malta diversi drabi sabiex jattendi għal intervisti

sakemm sab impjieg ieħor. Qal li huwa minnu li huwa għandu xogħol fejn is-salarju huwa ftit aktar minn dak li kellu mas-soċjetà appellanta, iżda dan il-fattur m'għandu jkollu l-ebda rilevanza fuq id-danni reali u morali sofferti minnu, għaliex id-dannu sar mis-soċjetà appellanta u b'hekk hija għandha twieġeb għall-għemil tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Is-soċjetà appellata ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal li ddeċieda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta, u li l-kumpens li għandu jitħallas minnha lill-appellat għandu jkun fl-ammont ta' €7,000.

15. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha s-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal għamel żball ta' liġi għaliex naqas milli jagħmel distinzjoni bejn intrapriżi kbar li għandhom strutturi dixxiplinarji fis-seħħ, li jippermettu li meta ħaddiem ikollu bżonn jiffaċċja proċeduri dixxiplinarji, dawn il-proċeduri jiġu segwiti, u negozju tal-familja li m'għandux struttura bħal din. Qalet iżda li f'dan it-tip ta' negozju, hija importanti ħafna l-fiduċja reċiproka li għandu jkun hemm bejn l-impjegat u min iħaddmu. Spjegat li l-appellat tilef il-fiduċja tal-prinċipal billi ripetutament kien jidħol tard għax-xogħol, kien jieħu żbalji fix-xogħol tiegħu, u waqt il-perijodu tal-pandemija naqas milli jħares ir-restrizzjonijiet imposti dwar il-massimu ta' persuni li setgħu jiltaqgħu f'post wieħed, u b'hekk

ipperikola saħħtu u saħħet sħabu fuq il-post tax-xogħol. L-appellat laqa' għal dan billi qal li l-ewwel aggravju mhux imsejjes fuq punt ta' liġi li ddeċieda dwaru t-Tribunal, u għalhekk huwa irritu u m'għandux jiġi kkonsidrat minn din il-Qorti. L-appellat qal li permezz ta' dan l-aggravju s-soċjetà appellanta qiegħda tistieden lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti. Fil-fehma tal-Qorti, huwa ċar li l-appellanta hawn qiegħda tikkontesta l-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal, u għalhekk dan l-aggravju mhux skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tagħmilha ċara li mill-mertu ma jista' jsir l-ebda appell quddiem din il-Qorti, u għalhekk m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni ta' dan l-aggravju.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta għandha kull dritt li tkun taf bir-raġunijiet li wasslu lit-Tribunal għad-deċiżjoni li ta, anke sabiex hija tkun tista' tipprevalixxi ruħha mid-dritt tal-appell skont il-liġi. It-Tribunal kien pjuttost xott meta fid-deċiżjoni tiegħu qal li fil-każ odjern jagħraf li hemm lok għal kumpens li qiegħed jiġi stabbilit fl-ammont ta' €7,000, mingħajr ma ta xi forma ta' spjegazzjoni dwar fuq xiex kienet ibbażata l-likwidazzjoni tal-ammont li għandu jitħallas lill-appellat. Dan huwa nuqqas serju fil-proċedura, u s-soċjetà appellanta hija ġustifikata tilmenta li l-jeddijiet tagħha ġew ippreġudikati serjament minħabba f'hekk.

17. Għaldaqstant il-Qorti ssib it-tieni aggravju ġustifikat u tilqgħu, b'dan illi t-Tribunal għandu jiċċara x'kien li wasslu għall-ammont ta' kumpens kif likwidat. Għaldaqstant il-Qorti sejra tirrimetti l-atti ta' dawn il-proċeduri lura quddiem it-

Tribunal sabiex jispjega b'liema mod wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas mis-soċjetà appellanta lill-appellat.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell tas-soċjetà appellanta, billi tilqa' t-tieni aggravju tagħha, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jieħu konsiderazzjoni ta' dak kollu li qalet din il-Qorti f'din is-sentenza, u josserva dak li jgħid l-artikolu 81(2) tal-Kap. 452.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**